MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1110/2014

**Quintano Foods Limited**

**(C-33660)**

**vs**

**Erom Trading Limited**

**(C-65591)**

**U**

**Darren Casha (detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 341982M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq riferit datat l-4 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, tramite d-dikjaranti hemm indikati sintetikament esponiet u bil-gurament ta' l-istess ikkonfermat is-segwenti:

1.1. Illi topera principalment fl-importazzjoni, esportazzjoni, biegh u distribuzzjoni ta' prodotti alimentari u tax-xorb;

1.2. Illi kienet ghalhekk tissupplixxi u tbiegh is-socjeta` Cassar & Schembri Marketing Limited in konnessjoni mas-*supermarkets MORE*;

1.3. Illi sa Gunju 2014, l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti mis-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti kien jammonta ghas-somma ta' ghaxart elef, tett mija u erbgha u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu, (€10,324.41), (ara fatturi a foll 8 sa 16);

1.4. Ill s-socjta intimata *Erom Trading Limited* assumiet id-dejn kollu tas-socjeta` indikata fil-paragrafu ta' qabel dak precedenti, (ara foll 18);

1.5. Illi eventwalment is-socjeta` intimata fuq rifrita bdiet taqa' lura fil-pagamenti taghha lis-socjeta` rikorrenti;

1.6. Illi sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, is-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' wiehed u erbghin elf u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€41,082.35), oltre l-ammont precedenti li assumiet, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.) aktar qabel);

1.7. Illi l-ammont totali dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti jammonta ghal wiehed u hamsin elf erba' mija u sitt Ewro u sitta u sebghin centezmu(€51,406.76);

1.8. Illi l-intimat Darren Casha ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali flimkien mas-socjeta` debitrici intimata, (ara fol 30 *et sequitur*);

1.9. Illi *ai termini* ta' l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, *stante*, illi l-kreditu *de quo* hu wiehed cert, likwidu u dovut, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jipproducu ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.10. Illi in vista tal-premess titlob li din il-Qorti:

1.10.1. Tisma' u tiddeciedi l-procedura odjerna bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

1.10.2. Tiddikjara lill-intimati bhala debituri *in solidum* tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' wiehed u hamsin elf, erba' mija u sitt Ewro u sitta u sebghin centezmi (€51,406.76);

1.10.3. Tiddikjara lill-intimati biex ihallsu solidament bejniethom lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti;

1.10.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

3. Rat in-nota ta' l-intimati datata l-11 ta' Marzu, 2015, li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici kif dedotti, (ara foll 64);

Ikkunsidrat:

4.0. Illi in vista ta' l-ammissjoni indikata fil-paragrafu precedenti din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi, u konsegwentement:

4.1. Tordna li tiddeciedi l-procedura bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq citat;

4.2. Tiddikjara li l-intimati huma debituri *in solidum* tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, erba' mija u sitt Ewro u sitta u sebghin centezmu,(€51,406.76);

4.3. Tikkundanna lill-istess intimati *in solidum* biex solidalment ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

4.4. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------